MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
DAVID SCICLUNA**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2013

Numru 28/2009

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**v.**

**Marco Pace**

**1.** Dan hu appell minn deċiżjoni tal-Qorti Kriminali mogħtija minn dik il-Qorti fis-16 ta' Jannar 2013 dwar l-eċċezzjonijiet preliminari ta' l-akkużat. L-akkużat appella minn dik is-sentenza b'rikors intavolat fil-21 ta' Jannar 2013.

**2.** Marco Pace kien akkużat, permezz ta’ Att ta’ Akkuża pprezentat mill-Avukat Generali fis-7 ta’ Lulju 2009 (nru 28/2009) li, reċidiv f’delitt: (1) dolożament, bil-ħsieb li joqtol persuna jew bil-ħsieb li jqiegħed il-ħajja tagħha f’periklu ċar, wera dan l-ħsieb b’atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma ġiex eżegwit minħabba xi ħaga aċċidentali u indipendenti mill-volonta` tieghu; (2) għamel ħsara jew għarraq ħwejjeg ħaddiehor, mobbli jew immobbli b’dan li l-ammont ta’ ħsara kien ta’ aktar minn mija u sittax -il euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (€116.47); (3) għamel ħsara jew għarraq ħwejjeg ħaddieħor, mobbli jew immobbli b’dan li l-ammont ta’ ħsara kien ta’ aktar minn mija u sittax-il euro u sebgħa u erbgħin ċentezmu (€116.47); (4) mingħajr liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija żamm fil-fond 83 Triq il-Mitħna Qormi armi tan-nar u munizzjoni; (5) mingħajr liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija waqt li kien fi Triq il-Mitħna Qormi kellu fil-pussess jew kontroll tiegħu, jew kellu f’idejh jew fuqu armi tan-nar u munizzjoni.

**3.** Fir-rikors ta’ appell tiegħu l-appellant talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokaha f’dik il-parti fejn ma laqgħetx it-tielet u l-għaxar eċċezzjoni tiegħu u minflok tilqa’ dawn l-eċċezzjonijiet u tikkonfermaha fil-bqija.

**4.** Permezz tan-nota ta’ eċċezzjonijiet tieghu tal-31 ta’ Lulju 2009, Marco Pace eċċepixxa fit-tielet u l-għaxar eċċezzjonijiet tiegħu:

“3. Bla preġudizzju għall-ġeneralita` ta’ l-ewwel eċċezzjoni, l-akkuża fit-tielet kap ta’ l-att ta’ l-akkuża ma tistax titmexxa ‘l quddiem in kwantu ma hemmx il-kwerela ta’ Giovanna Pace skond l-artikolu 332 tal-Kodiċi Kriminali u lanqas ma’ tista` tali kwerela titqies li saret skond is-subinċiż (5) ta’ l-artikolu 390 ta’ l-imsemmi Kodiċi in vista ta’ l-għażla ta’ l-istess Giovanna Pace meta ġiet prodotta fl-istruttorja;

“10. L-inammissibilita` tar-relazzjoni ta’ l-esperti Brigadier Maurice Calleja u PS 560 Joseph Farrugia (a fol. 335 *et seq*. ta’ l-atti tal-kumpilazzjoni) in kwantu ġiet magħmula in

parti mill-imsemmi PS 560 Joseph Farrugia li ma ġiex nominat bħala espert ballistiku.”

**5.** Fis-sentenza taghha dwar dawn l-eċċezzjonijiet, l-ewwel Qorti qalet hekk:

**“Rigward it-tielet eċċezzjoni l-akkużat qiegħed jallega illi t-tielet kap tal-att ta’ akkuża ma setax jitmexxa ‘l quddiem il għaliex ma kienx hemm il-kwerela ta’ omm l-akkużat Giovanna Pace skont l-artikolu 332 tal-Kodiċi Kriminali u lanqas ma tista’ tali kwerela titqies illi saret skont is-subinċiż (5) tal-artikolu 390 tal-imsemmi Kodiċi in vista tal-għażla tal-istess Giovanna Pace meta ġiet prodotta fl-Istruttorja.**

**“Ikkunsidrat:**

**“Irriżulta mill-provi illi kienet l-istess omm l-akkużat, Giovanna Pace, illi għamlet il-kwerela fl-ewwel lok billi għamlet sejħa lill-pulizija għall-għajnuna meta kien qed jinqala’ dan l-inċident li fih l-akkużat allegatament spara b’arma tan-nar lejn il-faċċata tal-bieb tar-residenza ta’ ommu Giovanna Pace.**

**“Għalhekk, peress illi dana huwa reat magħmul fil-pubbliku fejn persuna kellha l-inkolumita` tagħha mhedda, allura l-pulizija setgħet tmexxi l-azzjoni *ex officio*, u anki jekk għall-grazzja tal-argument, Giovanna Pace kellha taħfer lill-akkużat, din il-maħfra ma jkollha l-ebda effett fuq l-azzjoni, u tista’ biss, f’każijiet kongruwi, tinfluwixxi fuq il-piena (Il-Pulizija kontra Stephen Muscat, Appell Kriminali 5 ta’ Mejju 1995).**

**“Għalhekk il-Qorti tgħaddi biex tiċħad it-tielet eċċezzjoni tal-akkużat.**

**“….**

**“Rigward l-eċċezzjoni numru għaxra (10) il-Brigadier Maurice Calleja kien ġie nominat bħala espert ballistiku (fol 232) u konfermat mill-Qorti tal-Maġistrati**

**(fol 248), mentri PS 560 Joseph Farrugia kien nominat bħala *scene of the crime officer* u wkoll konfermat mill-Qorti tal-Maġistrati (fol 248). Bħala *scene of the crime officer*, persuna tkun maħtura minħabba l-kwalitajiet speċjali tagħha. F'dan il-każ Joseph Farrugia huwa espert ballistiku u għalhekk f'dan il-qasam seta' jassisti lill-Brigadier Maurice Calleja.**

**"Għalhekk din l-eċċezzjoni qed tiġi miċħuda."**

**6.** L-appellant appella minn din is-sentenza in kwantu rrevokat dawn l-eċċezzjonijiet u talab lil din il-Qorti tilqagħhom.

**7.** L-ewwel aggravju ta' l-appellant jirrigwarda d-deċiżjoni ta' l-Ewwel Qorti li tiċħad it-tielet eċċezzjoni tiegħu. L-appellant jgħid:

"Illi din l-eċċezzjoni ġiet miċħuda peress li r-reat sar fil-pubbliku fejn persuna kellha l-inkolumita` tagħha mhedda. Il-Qorti għalhekk sostniet li l-pulizija setgħet tmexxi l-azzjoni *ex officio* bil-maħfra ma jkollha ebda effett fuq l-azzjoni kriminali. Il-Qorti rriferiet għas-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet ***Il-Pulizija v. Stephen Muscat*** (05.05.1995). F'dik is-sentenza l-Qorti kienet ġustament irriteniet li in vista ta'dak li jiddisponi l-*proviso* ta' l-artikolu 373 tal-Kodiċi Kriminali, l-azzjoni għar-reati ta' insulti, theddid u offiża ta' natura ħafifa kellha titmexxa *ex officio*.

"Illi jingħad bl-akbar rispett li l-argumentazzjoni fis-sentenza appellata hija żbaljata in kwantu l-*proviso* msemmi japplika għar-"reati msemmijin fl-artikolu 370(1)". Issa r-reat kontemplat fl-artikolu 325(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali jeżorbita minn din il-kompetenza in kwantu huwa punit b'massimu ta' sena priġunerija. Fi kwalunkwe każ l-artikolu 332 jipprexindi minn kwistjonijiet ta' ordni pubbliku in kwantu huwa ntiż sabiex jipproteġi l-bon ordni tal-familji u, a differenza ta', per eżempju, l-artikoli 221 u 339(1)(e), japplika għal ċirkostanzi personali u mhux materjali. Għalhekk din l-eċċezzjoni kellha tiġi milqugħa."

**8.** L-ewwelnett din il-Qorti taqbel illi s-sentenza ċitata mill-Ewwel Qorti mhijiex rilevanti għall-każ peress illi l-artikolu 373 tal-Kodiċi Kriminali jirrigwarda unikament dawk ir-reati kontemplati fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 370 tal-Kodiċi kriminali, cioe` dawk ir-reati li jaqgħu fil-kompetenza oriġinali tal-Qorti tal-Maġistrati.

**9.** Issa, permezz tat-Tielet Kap l-appellant ġie akkużat illi kkaġuna ħsara volontarja f'ammont ta' aktar minn mija u sittax-il euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (€116.47) għad-dannu ta' Giovanna Pace, omm l-istess appellant, meta spara tir fid-direzzjoni tal-bieb ta' barra tar-residenza tagħha u tir ieħor fid-direzzjoni tal-gallarija. L-appellant jgħid illi tali akkuża ma tistax titmexxa 'l quddiem peress illi m'hemmx il-kwerela ta' Giovanna Pace skond l-artikolu 332 tal-Kodiċi Kriminali, u lanqas ma tista' tali kwerela titqies li saret skond is-subartikolu (5) ta' l-artikolu 390 ta' l-istess Kodiċi in vista ta' l-għażla ta' l-istess Giovanna Pace meta ġiet prodotta fl-Istruttorja.

**10.** L-artikolu 332 tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi:

**"Ħlief fil-każijiet imsemmijin fl-artikoli 316, 317 u 318, l-azzjoni kriminali ma titmexxiex mingħajr il-kwerela tal-parti offiża, għal reati li jsiru kontra ħwejjeġ tal-axxendenti jew kontra ħwejjeġ tal-qraba bi żwieġ fil-linja tal-axxendenti, jew tal-aħwa, bniet u subien, jew tal-qraba bi żwieġ fl-istess grad, meta dawn ir-reati ma jkunux saru flimkien ma' omiċidju, offiża fuq il-persuna, minbarra offiża ħafifa u ta' importanza żgħira, jew ma' sekwestru tal-persuna."**

**11.** Iżda skont l-artikolu 543 (d) tal-Kodiċi Kriminali:

**"Il-pulizija tista' taġixxi, ukoll mingħajr il-kwerela privata, f'kull wieħed mill-każijiet li ġejjin:**

**….**

**"(*d*) fil-każ ta' kull reat li jinteressa l-ordni pubbliku jew il-komunità in ġenerali".**

**12.** Fil-fehma ta' din il-Qorti, din il-frasjoloġija kjarament tindika li l-pulizija tista' taġixxi anke f'każ ta' reat li forsi mhuwiex min-natura tiegħu stess "ta' ordni pubbliku" iżda li b'xi mod jeffettwa jew jimpinġi fuq it-trankwillita` jew serħan tal-moħħ tal-pubbliku. Fil-fatt huwa interessanti li l-artikolu 325 jinsab fis-Sub-Titolu IV tat-Titolu IX ta' l-Ewwel Ktieb tal-Kodiċi Kriminali, liema sub-titolu hu intitolat "Fuq id-Delitti Kontra s-Sigurta` Pubblika u Fuq il-Ħsarat fil-Proprjeta`".

**13.** Dwar x'inhu l-"ordni pubbliku" l-Galgano[1] jgħid: **"Nel suo insieme la formola legislativa esprime una esigenza di difesa dei valori fondamentali della societa`: di difesa sia dei valori di natura collettiva, che attengono cioe` alla pacifica e civile convivenza fra gli uomini e al loro progresso economico e sociale, sia di valori di natura individuale, relativi alla liberta`, alla dignita`, alla sicurezza dei singoli."** B'referenza għall-kontravvenzjoni ta' ksur tal-bon ordni pubbliku, fl-Appell Kriminali fl-ismijiet <u>**Ispettore Raffaele Calleja v. Paolo Bugeja et**</u> [2] intqal: **"Che il buon ordine e la tranquillita` pubblica sta nella sicurezza, o nella opinione ferma della sicurezza sociale, - nel rispetto dei diritti e dei doveri sia degli individui in faccia all'autorita` pubblica, sia degli individui stessi fra loro, e ogni atto che toglie o diminuisce la opinione della sicurezza pubblica, o della sicurezza individuale, e` violazione dell'ordine pubblico, indipendentemente dalla perpetrazione di altro reato"**.

**14.** Fil-każ in eżami l-appellant qiegħed jiġi akkużat li l-ħsara li għamel kienet fuq il-faċċcata tar-residenza ta' ommu, u liema ħsara saret permezz ta' arma tan-nar. Din il-Qorti m'għandha l-ebda dubju li jekk persuna tikkawża ħsarat permezz ta' l-użu ta' arma tan-nar li tkun qed tiġi sparata mit-triq, allura <u>fil-pubbliku</u>, dan huwa att illi ċertament huwa ta' periklu għat-trankwillita` pubblika u ta' theddid għas-sigurezza tal-komunita` u għalhekk, in kwantu tali, il-fatt inkriminat jammonta għal reat li

[1] *"Diritto Privato"* (2 ediz. p.251 para 13.2).
[2] **Kollez. Vol. XII, p. 472, 475, 10 ta' Gunju, 1890**

"jinteressa l-ordni pubbliku jew il-komunità in ġenerali". Difatti mid-dokument esebit minn P.C. 668 Alexander Zammit fl-Istruttorja[3] persuna li huwa ddeskriva bħala omm l-appellant ċemplet lill-Pulizija tliet darbiet għall-assistenza u sabiex tgħid x'kien qiegħed jiġri u persuna oħra ċemplet biex tgħid li kienet semgħet xi sparaturi. Konsegwentement l-ewwel aggravju qiegħed jiġi miċħud.

**15.** Permezz tat-tieni aggravju tiegħu l-appellant eċċepixxa l-inammissibilita` tar-relazzjoni ta' l-esperti Brigadier Maurice Calleja u P.S. 560 Joseph Farrugia peress li din kienet ġiet magħmula in parti mill-imsemmi P.S. 560 Joseph Farrugia li qatt ma ġie nominat bħala espert ballistiku. L-appellant jgħid:

"Il-Qorti salvat din ir-relazzjoni billi qalet li Farrugia kien ġie nominat bħala *scene of the crime officer* u kwindi seta' jassisti lill-Brigadier Calleja. Jingħad bl-akbar rispett li dan l-argument huwa *non sequitur* in kwantu s-*scene of the crime officers* jiġu nominati sabiex jeżaminaw ix-xena tad-delitt u mhux biex jassistu lill-esperti l-oħra bħalma huma l-esperti ballistiċi, il-patoloġisti, is-seroloġisti, l-analisti, eċċ. Naturalment dan qed jingħad dejjem sakemm ma jkunx hemm xi nomina addizzjonali li f'dan il-każ ma kienx hemm. Għalhekk din l-eċċezzjoni kellha tiġi milqugħa."

**16.** Mill-atti ta' l-*in genere* jirriżulta illi P.S. 560 Joseph Farrugia ġie nominat bħala wieħed mis-*scene of crime officers* filwaqt illi l-ex Brigadier Maurice Calleja ġie nominat bħala espert ballistiku[4]. Minn eżami tar-relazzjoni esebita minnhom fl-Istruttorja[5] jirriżulta illi l-maġġor parti tar-relazzjoni tikkonsisti fil-konstatazzjonijiet li għamlu dawn iż-żewġ esperti fuq ix-xena tad-delitt u deskrizzjoni ta' l-oġġetti misjuba u elevati. Jiġifieri dak li huma kkonstataw u ddeskrivew jikkostitwixxi xogħol illi effettivament isir minn *scene of crime officer*. Dak li *scene of crime officer* normalment ma jagħmilx huwa l-eżami jew analiżi forensiku. Għalhekk ma kienx il-kompitu ta' P.S. 560 Joseph Farrugia li, kif deskritt fil-paragrafu 13 tar-

---

[3] Fol. 521 – 522 ta' l-atti ta' l-Istruttorja.
[4] Fol. 237 *ibidem*.
[5] Fol. 335 – 352 *ibidem*.

relazzjoni, jeżamina l-iskrataċ taħt "il-mikroskopju komparatorju fil-laboratorju forensiku". Konsegwentement dwar tali eżami jista' jixhed biss l-ex-Brigadier Maurice Calleja. Mill-bqija, dwar il-konstatazzjonijiet l-oħra fattwali, P.S. 560 Joseph Farrugia jista' jixhed liberament. B'hekk ir-relazzjoni ma tistax tiġi dikjarata inammissibbli.

**17.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi, salv dak li ntqal fil-paragrafu preċedenti dwar dak li jista' jixhed dwaru P.S. 560 Joseph Farrugia, l-appell huwa miċħud. Tordna li l-atti jintbagħtu lura lill-Qorti Kriminali sabiex din tipproċedi ulterjorment fil-konfront ta' l-akkużat Marco Pace.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------